MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 25/2012

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet zzewgu fit-12 ta` Lulju 1975 u minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett itfal, J, R u L li llum huma kollha maggorenni u ghandhom aktar minn 23 sena (Certifikat taz-zwieg numru PR 720/1977) Dok A.

Illi b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta` Mejju 1997 fil-kawza fl-ismijiet "C B vs A B" Citazz 854/1989 giet pronunziata s-separazzjoni personali bejniethom (Dok B).

Illi minn dak iz-zmien sal-lum qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni u l-partijiet ma jghixux flimkien u ma hemmx possibilita ta` xi rikonciljazzjoni.

Illi l-esponenti jrid jipprevalixxi ruhu mid-diposizzjonijiet tas-sub-titolu 4 tal-Ewwel Titolu tal-Kap. 15 tal-Ligijiet ta` Malta u jitlob id-divorzju u konsegwenti xoljiment tal-imsemmi zwieg.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tordna d-divorzju ossija xoljiment taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fuq imsemmi taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2012;

Rat illi l-intimata ma ipprezentatx risposta, izda xehdet f'dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u peress illi ipprova illi ilhom legalment separati sa mis-7 ta' Mejju 1997 meta giet deciza il-kawza taghhom mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili;

Illi l-Qorti rat illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ulied il-partijiet illum huma maggorenni u illi l-intimata ma kellha l-ebda dritt ghall-manteniment minghand ir-rikorrenti;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-

divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------